**Ruling mogħti mill-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 88 tat-8 ta' Lulju 1997 dwar l-Aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

**MADAME SPEAKER:** Is-Sedja kkonsidrat bir-reqqa t-talba tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni biex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni li ġiet ippreżentata minnu.

Qabel xejn is-Sedja tirrileva li kull talba li titressaq taħt l-Ordni Permanenti Nru 13 jenħtieġ li tissodisfa tliet rekwiżiti ċioe', li tkun materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti. Il-materja mressqa hija definita u m'hemmx dubju li hija ta' importanza pubblika għax tmiss awtorita' li hija salvagwardata fil-funzjonijiet tagħha bil-Kostituzzjoni permezz ta' votazzjoni ta' żewġ terzi.

L-istess Artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni jispeċifika illi:

> "Tkun funzjoni ta' l-Awtorita' dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn tkun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalita' xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu għal *policy* pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti.".

Il-programm li l-Awtorita' ordnat li jiġi trasmess il-bieraħ kien jitratta ħwejjeġ ta' kontroversja politika u li jirriferu għal *policy* pubblika kurrenti.

Id-dritt taċ-ċittadin għall-informazzjoni u d-dritt ta' ventilazzjoni ta' opinjoni huma drittijiet li kulma jmur għandhom aktar u aktar rilevanza f'demokrazija li qed tevolvi u għaldaqstant kieku ċ-ċirkostanzi ma kenux tali li jidher li l-każ pendenti quddiem il-Qrati Maltin qiegħed jiġi trattat b'urġenza, l-element ta' urġenza mqajjem f'dan il-Parlament kien ikun ġustifikat. Għaldaqstant sal-lum dan l-element ta' urġenza mhux ġustifikat għall-finijiet ta' l-Ordni Permanenti Nru. 13.

Il-Parlament huwa l-organu leġislattiv fil-Kostituzzjoni tagħna u fejn jidħol l-organu ġudizzjarju m'għandu jsir xejn li jista' b'xi mod jippreġudika l-indipendenza tal-Qrati u tinħoloq xi forma ta' pressjoni li tista' ttellef milli jkun hemm *fair hearing* u ttappan l-imparzjalita' tal-Qrati u bl-ebda mod il-Parlament, l-organu leġiżlattiv, m'għandu jidher li qiegħed jidħol fuq organu kostituzzjonali ieħor.